PARLAMENT EWROPEW 2009 - 2014

*Dokument ta' sessjoni*

13.1.2014 B7-0019/2014

# MOZZJONI GĦAL RIŻOLUZZJONI

imressqa wara d-dikjarazzjoni tal-Viċi-President tal-Kummissjoni/tar-Rappreżentant Għoli tal-Unjoni għall-Affarijiet Barranin u l-Politika ta' Sigurtà

skont l-Artikolu 110(2) tar-Regoli ta' Proċedura

dwar is-sitwazzjoni fis-Sudan t'Isfel
(2014/2512(RSP))

**Louis Michel, Niccolò Rinaldi, Graham Watson, Jelko Kacin, Liam Aylward, Marielle de Sarnez, Marietje Schaake, Sarah Ludford, Kristiina Ojuland, Hannu Takkula, Johannes Cornelis van Baalen, Robert Rochefort**
f'isem il-Grupp ALDE

**B7-0019/2014**

**Riżoluzzjoni tal-Parlament Ewropew dwar is-sitwazzjoni fis-Sudan t'Isfel (2014/2512(RSP))**

*Il-Parlament Ewropew*,

– wara li kkunsidra r-riżoluzzjoni tiegħu tat-13 ta' Ġunju 2012 dwar is-sitwazzjoni fis-Sudan u s-Sudan t'Isfel[1],

– wara li kkunsidra d-Dikjarazzjoni Universali tad-Drittijiet tal-Bniedem tal-1948 u l-Patt Internazzjonali dwar id-Drittijiet Ċivili u Politiċi tal-1966,

– wara li kkunsidra l-Ftehim ta' Sħubija 2000/483/KE bejn il-membri tal-Grupp ta' Stati Afrikani, tal-Karibew u tal-Paċifiku fuq naħa, u l-Komunità Ewropea u l-Istati Membri tagħha fuq l-oħra, iffirmat f'Cotonou (il-Benin) fit-23 ta' Ġunju 2000 u suċċessivament rivedut fl-2005 u fl-2010,

– wara li kkunsidra l-Ftehim Globali ta' Paċi tal-2005,

– wara li kkunsidra l-Ftehimiet ta' Addis tas-27 ta' Settembru 2012,

– wara li kkunsidra d-dikjarazzjonijiet ta' Catherine Ashton, Rappreżentant Għoli tal-Unjoni għall-Affarijiet Barranin u l-Politika ta' Sigurtà, tal-24 ta' Diċembru 2013 u tat-2 ta' Jannar 2014 dwar is-sitwazzjoni fis-Sudan t'Isfel,

– wara li kkunsidra d-dikjarazzjonijiet tas-16 ta' Diċembru u tat-28 ta' Diċembru 2013 tal-kelliem tar-Rappreżentant Għoli dwar is-sitwazzjoni fis-Sudan t'Isfel,

– wara li kkunsidra d-dikjarazzjoni lokali tal-UE tat-20 ta' Diċembru 2013 dwar il-kunflitt attwali fis-Sudan t'Isfel,

– wara li kkunsidra d-dikjarazzjonijiet tal-Kunsill tas-Sigurtà tan-NU tas-17, tal-20 u tat-30 ta' Diċembru2013 dwar is-sitwazzjoni fis-Sudan t'Isfel,

– wara li kkunsidra r-riżoluzzjoni tal-Kunsill tas-Sigurtà tan-NU Nru 2132 (2013) tal-24 ta' Diċembru 2013 dwar is-Sudan t'Isfel,

– wara li kkunsidra d-dikjarazzjoni tal-4 ta' Jannar 2014 mill-President tal-Kummissjoni tal-Unjoni Afrikana, Nkosazana Dlamini Zuma, dwar is-sitwazzjoni fis-Sudan t'Isfel,

– wara li kkunsidra l-Artikolu 110(2) tar-Regoli ta' Proċedura tiegħu,

A. billi l-Gvern tas-Sudan t'Isfel sab diffikultajiet biex jistabbilixxi stat li jiffunzjona minn mindu ġiet iddikjarata l-indipendenza mis-Sudan fid-9 ta' Lulju 2011; billi wara li feġġew xnigħat dwar kolp ta' stat ippjanat f'Juba tard fl-2012, il-President tas-Sudan t'Isfel Salva Kiir ħareġ serje ta' digrieti li jintroduċu bidliet kbar għat-tmexxija għolja tal-gvern u tal-

[1] Testi adottati, P7_TA(2012)0248.

forza militari tas-Sudan t'Isfel, u għall-partit tiegħu, mingħajr kunsens wiesa';

B. billi fit-23 ta' Lulju 2013, il-President Kiir, li jappartjeni għat-tribù tad-Dinka, xolja l-kabinett kollu u neħħa mill-kariga tiegħu lill-Viċi President Riek Machar, li huwa ta' etniċità Nuer; billi f'Novembru 2013, il-President Kiir xolja l-korpi kollha ta' livell għoli tal-Armata tal-Liberazzjoni tal-Poplu tas-Sudan (SPLA), inklużi l-Kunsill Politiku, il-Konvenzjoni Nazzjonali u Kunsill għal-Liberazzjoni Nazzjonali;

C. billi fl-14 ta' Diċembru 2013, membri għolja tal-Kunsill Politiku tal-SPLA, inkluż id-deputat mexxej tal-partit Riek Machar, irtiraw minn laqgħa tal-Kunsill għal-Liberazzjoni Nazzjonali minħabba "nuqqas ta' spirtu ta' djalogu";

D. billi fil-15 ta' Diċembru 2013, seħħ ġlied militari bejn gwardji presidenzjali fil-kwartieri militari f'Juba, il-belt kapitali tas-Sudan t'Isfel, u l-President Kiir akkuża lil Riek Machar b'tentattiv biex jaħtaf il-poter;

E. billi fis-16 ta' Diċembru 2013 il-ġlied beda jinfirex lil hinn minn Juba għar-reġjun madwar Jonglei;

F. billi, minn Settembru 2011, jiġifieri qabel id-deterjorament tas-sitwazzjoni f'nofs Diċembru 2013, il-forzi tal-gvern tas-Sudan tefgħu l-bombi madwar l-Istat tal-Blue Nile State mingħajr distinzjoni u xerrdu biża' palpabbli fost iċ-ċittadini li jgħixu fl-inħawi;

G. billi fid-19 ta' Diċembru 2013, milizja ta' Nuer immexxija minn Peter Gadet, li qabel ma ddiżerta kien kmandant tat-tmien diviżjoni, iddikjarat kontroll fuq Bor, il-belt kapitali tal-Istat ta' Jonglei; billi fl-aħħar ta' Diċembru 2013 u fil-bidu ta' Jannar 2014 il-belt ta' Bor inħakmet għal darba tnejn minn rappreżentanti kemm tal-armata u kemm tar-ribelli, u billi l-armata ilha tiġġieled mill-4 ta' Jannar biex tirbaħ il-belt lura;

H. billi fil-21 ta' Diċembru 2013, il-gvern ikkonferma li kien tilef il-kontroll ta' Bentiu, il-belt kapitali tal-Istat ta' Unity, importanti għall-produzzjoni taż-żejt, li issa waqgħet f'idejn James Koang, kmandant Nuer leali lejn Machar, għalkemm Machar ċaħad dan; billi fost it-tfaqqigħ ta' vjolenza skont linji etniċi fis-Sudan t'Isfel, l-investigaturi tan-NU skoprew qabar tal-massa f'Bentiu, belt li tinsab f'idejn ir-ribelli, u, skont il-Ministru għall-Informazzjoni tal-Gvern, Michael Makuei Lueth, ir-ribelli jistgħu jinżammu responsabbli għall-qtil;

I. billi l-kunflitt infirex fiż-żoni taż-żejt u, fl-aħħar ta' Diċembru 2013, ħamsa mill-għaxar Stati fis-Sudan t'Isfel kienu rrappurtaw ġlied, inklużi Jonglei, Unity, Upper Nile u Central Equatoria, u ġiet irrappurtata wkoll vjolenza mmirata lejn il-gruppi etniċi fil-pajjiż kollu; billi fit-2 ta' Jannar 2014, il-President Salva Kiir iddikjara stat ta' emerġenza f'Unity u f'Jonglei, iż-żewġ Stati li l-bliet kapitali tagħhom huma fil-kontroll ta' ribelli leali lejn Machar;

J. billi fl-24 ta' Diċembru 2013, ir-ribelli daħlu fil-belt ta' Malakal, il-belt kapitali tal-Istat ta' Upper Nile, li kienet tforni ż-żejt mhux maħdum tas-Sudan t'Isfel kollu, u billi fis-27 ta' Diċembru l-armata qalet li ħadet lura kontroll sħiħ fuq il-belt;

K. billi fit-30 ta' Diċembru 2013, it-truppi tal-gvern tas-Sudan t'Isfel twiegħru ma' membri

tal-milizzja etnika tal-White Army u ma' fazzjonijiet ribelli oħrajn leali lejn Machar qrib il-belt sensittiva ta' Bor, u kelliem ribelli ċaħad li Machar jikkontrolla lill-membri tal-milizzja tal-Armata Bajda; billi, għalkemm il-kunflitt beda bħala ġlieda politika għall-poter, issa ħa dimensjoni etnika u jinkludi evidenza ta' qtil immirat lejn gruppi etniċi, skont il-Missjoni tan-NU fis-Sudan t'Isfel (UNMISS);

L. billi dan l-aħħar saru attakki kontra l-poplu Nuba, qtil illegali, stupri tal-massa u arresti arbitrarji ta' ċivili li jgħixu fil-Muntanji ta' Nuba; billi matul l-aħħar ġimagħtejn ta' Diċembru 2013, il-milizzji u l-forzi armati tal-Gvern Sudaniż, appoġġati minn elementi ta' sigurtà, attakkaw ħafna żoni madwar Kadugli u Dillanj, eluf ta' ċivili ħarbu minn djarhom u ġew rappurtati qtil illegali u stupri tal-massa tan-nisa;

M. billi fil-5 ta' Jannar 2014, rappreżentanti tal-President Salva Kiir u Riek Machar iltagħu fl-Etjopja biex iniedu taħdidiet ta' paċi li ffukaw fuq waqfien mill-ġlied u l-ħelsien ta' priġunieri politiċi; billi minkejja dawn it-taħdidiet, il-ġlied għadu għaddej; billi s-sors ewlieni ta' kunflitt huwa l-ħelsien ta' priġunieri akkużati li fasslu kolp ta' stat f'nofs Diċembru;

N. billi fit-3 ta' Settembru 2013, ġie organizzat samit bejn il-presidenti tas-Sudan u s-Sudan t'Isfel f'Khartoum; billi ż-żewġ partijiet ġeddu l-impenji tagħhom li jkomplu għaddejjin bl-implimentazzjoni tal-Ftehimiet ta' Addis tas-27 ta' Settembru 2012, taħt it-tmexxija tal-Bord ta' Livell Għoli tal-Unjoni Afrikana għall-Implimentazzjoni presedut mill-President Mbeki, u li jaħdmu biex isolvu kwistjonijiet oħra pendenti, inklużi l-istatus finali ta' Abyei u kwistjonijiet relatati mal-fruntieri; billi dawn it-taħdidiet huma pass pożittiv lejn l-istabbilizzazzjoni tas-Sudan t'Isfel;

O. billi aktar u aktar ċivili qed jaħarbu lejn pajjiżi ġirien; billi skont Toby Lanzer, il-Koordinatur Umanitarju fis-Sudan t'Isfel, matul l-aħħar ġimagħtejn il-vjolenza ħarget lil madwar 200 000 ruħ 'il barra minn djarhom u laqtet lil bosta mijiet ta' eluf ta' nies indirettament; billi fit-18 ta' Diċembru 2013 in-NU rrappurtat li 13 000 ruħ kienu qed ifittxu li jaħarbu mill-ġlied fiż-żewġ binjiet tagħha f'Juba; billi hemm riskju li din il-kriżi tolqot reġjun ferm usa' li diġà huwa suxxettibbli għan-nuqqas ta' stabbiltà, u r-rispons internazzjonali li qed jitwettaq fuq il-post jeħtieġ li jieħu dan il-fatt inkunsiderazzjoni f'kull ħin;

P. billi l-Unjoni Afrikana (UA) qed twettaq medjazzjoni bil-għan li tintemm il-kriżi fis-Sudan t'Isfel; billi l-UA u l-Awtorità Intergovernattiva għall-Iżvilupp (IGAD), f'bosta okkażjonijiet, sejħu għal waqfien mill-ġlied immedjat fis-Sudan t'Isfel;

Q. billi n-NU żiedet il-preżenza tagħha fuq il-post, inkluż l-użu ta' tliet ħelikopters fil-bidu ta' Jannar 2014 fil-belt kapitali tas-Sudan t'Isfel, Juba, biex tgħin ir-rinfurzar tal-bażijiet tan-Nazzjonijiet Uniti għaż-żamma tal-paċi fil-pajjiż; billi dan l-isforz huwa parti minn pjan awtorizzat mill-Kunsill tas-Sigurtà maħsub biex jirdoppja l-forza armata tal-UNMISS għal kważi 14 000, fi sforz biex joffri protezzjoni liċ-ċivili milqutin minn tliet ġimgħat ta' ġlied kontinwu bejn truppi favur u kontra l-gvern;

R. billi 62 000 ċivili fis-Sudan t'Isfel bħalissa jinsabu taħt il-protezzjoni tal-forza tan-NU għaż-żamma tal-paċi fil-bażijiet tan-NU;

S. billi l-UE żiedet b'mod sostanzjali l-għajnuna tagħha għall-iżvilupp biex tissodisfa l-ħtiġijiet tas-Sudan t'Isfel; billi fit-23 ta' Diċembru 2013, l-UE ħabbret li kienet se tipprovdi EUR 50 miljun għal azzjoni umanitarja fis-Sudan t'Isfel biex tkopri l-bżonnijiet bażiċi u billi s-sitwazzjoni ġenerali ġiet rikonoxxuta bħala waħda mill-agħar kriżijiet umanitarji tal-lum; billi dan wassal l-ammont tal-għajnuna umanitarja tal-UE għal EUR 170 miljun sal-lum fis-snin finanzjarji 2013 u 2014;

T. billi l-mandat tal-Missjoni tal-Unjoni Ewropea dwar is-Sigurtà tal-Avjazzjoni fis-Sudan t'Isfel (EUAVSEC) damet sa Jannar 2014; billi din il-missjoni kellha l-għan li jneħħi l-periklu mill-ajruport internazzjonali ta' Juba;

1. Jesprimi t-tħassib kbir tiegħu dwar il-kriżi umanitarja u tas-sigurtà li qed tiddeterjora b'pass imgħaġġel fis-Sudan t'Isfel b'konsegwenza tat-tilwim politiku u l-vjolenza sussegwenti kkawżati mill-mexxejja politiċi tal-pajjiż; jirrimarka li dan qed jipperikola l-istabbiltà u s-sigurtà fit-tul fis-Sudan t'Isfel, kif ukoll l-istabbiltà fir-reġjun kollu kemm hu;

2. Jikkundanna bil-qawwa l-attroċitajiet imwettqa kontra ċivili innoċenti ta' komunitajiet differenti b'elementi miż-żewġ naħat u każijiet irrappurtati ta' ksur u abbuż tad-drittijiet tal-bniedem mill-partijiet kollha, inklużi l-gruppi armati u l-forzi tas-sigurtà nazzjonali; jikkundanna bil-qawwa l-attakk fid-19 ta' Diċembru 2013 kontra l-kamp tal-UNMISS f'Akobo, li kkawża l-mewt ta' żewġ suldati Indjani u darab lil suldat ieħor, kif ukoll ikkawża l-mewt ta' mill-anqas 20 persuna li kienu qed ifittxu l-protezzjoni mill-UNMISS; jikkundanna u jenfasizza li dawk responsabbli għall-ksur tad-dritt umanitarju internazzjonali u d-dritt internazzjonali dwar id-drittijiet tal-bniedem jeħtiġilhom jinżammu responsabbli u jkunu suġġetti għal passi legali; jikkundanna bil-qawwa l-attakki kontra l-installazzjonijiet taż-żejt, li kkawżaw diżgrazzji kbar fost il-ħaddiema taż-żejt, u jistieden lill-partijiet kollha jiżguraw is-sikurezza tal-infrastruttura ekonomika u dik tal-impjegati; jilqa' d-deċiżjoni tal-UA li tistabbilixxi kummissjoni li tinvestiga l-ksur tad-drittijiet tal-bniedem u abbużi oħra;

3. Jitlob li jintemmu minnufih il-fastidju u l-arrest illegali ta' membri tal-oppożizzjoni minħabba li jeżerċitaw b'mod paċifiku u legali d-dritt tagħhom għal-libertà ta' espressjoni u ta' għaqda;

4. Jafferma mill-ġdid l-impenn qawwi tiegħu għas-sovranità, l-indipendenza, l-unità u l-integrità territorjali tar-Repubblika tas-Sudan t'Isfel;

5. Jappella liż-żewġ partijiet biex josservaw il-Kostituzzjoni u jirrispettaw l-istituzzjonijiet stabbiliti mill-Kostituzzjoni;

6. Jinnota li s-Sudan t'Isfel huwa mogħni b'ħafna riżorsi taż-żejt u li dawn jirrappreżentaw sors potenzjali ta' tensjoni;

7. Jikkundanna l-ġlied u l-vjolenza mmirata kontra ċ-ċivili u komunitajiet etniċi speċifiċi u komunitajiet oħrajn li jseħħu madwar il-pajjiż u li rriżultaw f'mijiet ta' mwiet u inċidenti, aktar minn 300 000 persuna spustata, 30 000 rifuġjat f'pajjiżi ġirien (l-Uganda, il-Kenja, l-Etjopja u s-Sudan); jinsab imħasseb li l-kunflitt inbidel f'kunflitt etniku bejn id-diversi fazzjonijiet fis-Sudan t'Isfel u jista' jwassal għal gwerra ċivili;

8. Jinsab imħasseb dwar is-sitwazzjoni umanitarja fil-pajjiż, b'mod partikolari għal dawk in-nazzjonali tas-Sudan t' Isfel li ġew spustati jew li saru rifuġjati fil-pajjiżi ġirien; jistieden lill-partijiet kollha jiżguraw aċċess sikur u bla xkiel lil organizzazzjonijiet umanitarji;

9. Jinsab imħasseb għall-aħħar dwar ir-riskju li s-sitwazzjoni fis-Sudan t'Isfel tiggrava u twassal għal diżastru kemm għall-poplu tal-pajjiż kif ukoll għall-istabbiltà tar-reġjun, fir-rigward tal-possibbiltà ta' azzjoni militari kemm mis-Sudan u kemm mis-Sudan t'Isfel bil-ħsieb li jikkontrollaw is-siti strateġiċi taż-żejt; jirrimarka li s-sitwazzjoni fis-Sudan t'Isfel qed tkompli tikkostitwixxi theddida għall-paċi internazzjonali u s-sigurtà fir-reġjun;

10. Jilqa' b'sodisfazzjon il-ftuħ ta' taħdidiet ta' paċi fis-Sudan t'Isfel u jħeġġeġ lil dawk involuti biex iwettqu t-taħdidiet tagħhom taħt il-patroċinju tal-IGAD; jitlob li jkun hemm ftehim immedjat dwar waqfien mill-ġlied kif ukoll dwar il-monitoraġġ u l-aċċess umanitarju;

11. Jinsisti li soluzzjoni politika komprensiva, inklużi ftehim dwar waqfien mill-ġlied u l-ħelsien ta' priġunieri politiċi, hija vitali sabiex jinstabu soluzzjonijiet għall-kriżi u titwetta t-triq għall-iżvilupp sostenibbli tas-Sudan t'Isfel;

12. Jinkoraġġixxi lill-Gvern tar-Repubblika tas-Sudan t'Isfel biex jagħmel ġest ta' rieda tajba billi jeħles minnufih lill-politiċi arrestati kollha li mhumiex involuti fil-ġlied kontinwu sabiex ikunu jistgħu jipparteċipaw b'mod effikaċi fir-riżoluzzjoni paċifika tal-kunflitt;

13. Jinkoraġġixxi lill-pajjiżi ġirien, lill-organizzazzjonijiet reġjonali u lill-komunità internazzjonali jkomplu bl-isforzi tagħhom biex iwaqqfu l-vjolenza; jesprimi l-appoġġ tiegħu għal medjazzjoni permezz tal-IGAD; jilqa' b'sodisfazzjon il-ħidma tar-Rappreżentant Speċjali tan-NU u kap tal-UNMISS, Hilde Johnson, u l-ħidma tal-UA, u jilqa' b'sodisfazzjon it-tisħiħ tal-kapaċitajiet tal-UNMISS fil-qasam tal-investigazzjoni dwar id-drittijiet tal-bniedem bl-appoġġ tal-Uffiċċju tal-Kummissarju Għoli għad-Drittijiet tal-Bniedem;

14. Jilqa' l-għajnuna umanitarja pprovduta, b'mod partikolari mill-UE, l-UA u n-NU, lin-nies milqutin mill-kunflitt u mill-ispustar fis-Sudan t'Isfel, u jistieden lil dawn l-istituzzjonijiet u lil sħab internazzjonali u reġjonali oħra jappoġġaw b'mod attiv ir-rikostruzzjoni tas-Sudan t'Isfel u l-proċess ta' bini tal-paċi; jistieden lill-awtoritajiet tas-Sudan t'Isfel jaħdmu mas-sħab reġjonali u internazzjonali kollha sabiex jistabbilizzaw lill-pajjiż;

15. Jagħti istruzzjonijiet lill-President tiegħu biex jgħaddi din ir-riżoluzzjoni lill-Kunsill, lill-Kummissjoni, lill-Viċi President tal-Kummissjoni / Rappreżentant Għoli tal-Unjoni għall-Affarijiet Barranin u l-Politika ta' Sigurtà, lill-Kunsill tas-Sigurtà tan-NU, lis-Segretarju Ġenerali tan-NU, lill-istituzzjonijiet tal-Unjoni Afrikana, lill-Komunità Ekonomika tal-Istati tal-Afrika Ċentrali, lill-Assemblea Parlamentari Konġunta AKP-UE u lill-Istati Membri tal-Unjoni Ewropea.